16 ta' Diċembru, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* John Scerri

## Libell — Inġurja — Verità tal-Konviċju — Gurnal — Prova — Piena — Art. 266 (4) tal-Kodiċi Kriminali, u art. 15 tal-Kap. 117.

*F'materja ta' libell dwar inġurja bl-istampa għandha ssir distinzjoni bejn dik li hija "allegation of fact" u dak li huwa "comment".*

*Biex tirnexxi d-difiża tal-verità tal-konviċju hemm bżonn li l-fatt jiġi pruvat; u biex il-komment ikun ġustifikat hemm bżonn li jkun "fair and bona fide".*

*Jekk imbagħad l-imputazzjoni tiġi sostanzjalment pruvata, allura ineżattezza żgħira dwar dettall li ma jkunx materjali ma hix ta' ostakolu li d-difiża tirnexxi.*

*Il-falsità tal-kliem inġurjuż hija preżunta favur il-kwerelant; dan ma għandux bżonn jipprova din il-falsità; imma l-kwerelat jista' jirribatti dik il-preżunzjoni bi provi kuntrarji.*

*Biex jiġi stabbilit jekk l-artikolu huwiex libellus għandu jittieħed*

*kollu kemm hu fil-kumpless tiegħu, billi jitħares l-effett ġenerali ta' l-artikolu kollu fuq il-qarrej.*

*Certa latitudini għandha tingħata lill-ġurnalista, speċjalment f'każ ta' materji politiċi; imma taħt limiti raġjonevoli.*

*Għandu wkoll jitqies dak li jkun fehem il-qarrej ta' l-artikolu, u mhux dak li kellu f'moħħu min kitbu.*

*Meta t-tentatir tal-prova tal-konviċju jikkostitwixxi speċifikazzjoni ta' fatti determinati in sostenn ta' l-imputazzjoni ġenerika, il-falliment ta' dak it-tentativ huwa raġuni ta' awment tal-piena kontra l-kwerelat. Imma dan ma jistax isir fil-każ ta' libell, billi fil-liġi ta' l-istampa ma hemmx ripetuta d-dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi Kriminali f'materja ta' inġurja u li tippreskrivi dan l-awment ta' piena. U lanqas jista' jingħata dan l-awment ta' piena fis-sedi ta' l-appell meta l-appell ikun tal-kwerelat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmi John Scerri ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, fuq kwerela magħmula mill-Onorevoli Henry Jones, u ġie iilu imputat illi matul l-aħħar sena, bħala editur tal-ġurnal "Il-Gannett", per mezz ta' stampati li ġew minnu publikati, jew li hu ppermetta li jiġu publikati, fl-artikolu miġjub (1) fit-tielet paragrafu tat-tielet kolonna tat-tieni faċċata tan-numru 18 tad-9 ta' Marzu 1946 ta' l-istess ġurnal, taħt it-titolu "Round the Island — By Our Own Correspondent", bil-kliem li jibda "Smajna" u jispiċċaw "għamlilhom", (2) fir-raba' paragrafu tat-tieni kolonna tat-tieni faċċata tan-numru 21 tal-20 ta' April 1946, ta' l-istess ġurnal, taħt it-titolu "Round the Island — By Our Own Correspondent", bil-kliem li jibdew "X'jaqa' u jqum", u jispiċċaw bil-kliem "mill-ħsarat ta' Malta", u (3) fit-tielet kolonna tat-tielet faċċata tan-numru 26 tad-29 ta' Ġunju 1946 ta' l-istess ġurnal, taħt it-titolu "How do you do, Mr. Jones", iffirmat "Ix-xilejx", bil-kliem li jibdew "Mr. Jones" u jispiċċaw "fjuri", u li kopji tagħhom jinsabu maċ-ċitazzjoni, infama lill-istess Onorevoli Jones billi imputalu fatti determinati bl-iskop li joffendi l-unur u r-riputazzjoni tiegħu u li jesponih għat-tmaqdir tal-publiku;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fl-20 ta' Lulju 1946, li biha l-imsemmi John

Scerri ġie misjub ħati skond l-imputazzjoni, u kundannat għall-piena tal-multa ta' £6;

Rat ir-rikors li bih il-kundannat appella lil din il-Qorti kontra *din id-deċiżjoni*, u talab ir-revoka tagħha u l-ħelsien tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat id-deċiżjoni in parte mogħtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru 1946 (riportata in kopja fol. 25), li biha ġie provvdut fuq l-inċident tal-provi offerti mill-imputat għar-rigward ta' l-"*exceptio veritatis*";

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

L-imputazzjoni, kif jidher mit-termini tal-kwerela, minn dawk taċ-ċitazzjoni, u mis-sentenza appellata, hi taħt l-inċiż ittra (a) ta' l-art. 15 ta' l-Ordinanza dwar *l-Istampa*, Kap. 117 Ediz. Riveduta. Dan l-inċiż jikkontempla l-każ li fih il-libell "contains specific imputations against such person tending to injure his character and reputation, and to expose him to public ridicule or contempt..............." L-art. 16 jippermetti l-prova tal-verità tal-fatti jekk l-imputat, *fl-istadju preliminari* tal-kawża, jassumi r-responsabilità kollha għal-libell allegat u jiddikjara li jrid jipprova l-verità tal-konviċju. Din l-"*exceptio veritatis*" hi ammessa biss fil-ħames każijiet indikati f'dan l-art. 16. Jekk l-imputat jirnexxilu jipprova sostanzjalment il-verità, allura *jeħles mill-piena, basta li l-Qorti* tkun soddisfatta li l-prova tal-verità kienet ta' interess pubbliku. Fil-każ preżenti, l-imputat, fil-proċeduri quddiem il-Qorti t'Isfel, iddikjara "in limine litis" (fol. 11) li hu jrid jipprova l-verità tal-fatti;

L-*artikoli inkriminati jirrigwardaw* tant l-attività politika tal-kwerelant bħala membru elettiv tal-Kunsill tal-Gvern, kemm ukoll attivitajiet oħra tiegħu kummerċjali bħala direttur tal-Ko-Operativa tal-Bdiewa f'Għawdex. Għalhekk, għalkemm il-verità tal-konviċju ma hijiex ammissibili taħt l-inċiż (a) art. 16, għaliex, kif ġie mfakkar fid-deċiżjoni fol. 25, membru tal-Kunsill ma huwiex uffiċjal jew impjegat publiku, ċjò non ostanti dik il-prova hi ammissibili taħt l-inċiż (c) għall-attivitajiet kummerċjali tal-kwerelant u taħt l-inċiż (d) għall-attivitajiet tiegħu politiċi;

**Ikkunsidrat;**

Illi f'din il-materja ta' libell, u għas-soluzzjoni **korretta**

tal-kwistjoni involuta f'din il-kawża, jidher li hu utili li wieħed iżomm quddiem għajnejh dawn il-prinċipji:—

1. Għandha ssir distinzjoni bejn dak li hu "allegation of fact" u dak li hu "comment". Il-fatt għandu jiġi pruvat, biex tirnexxi d-difiża tal-verità tal-konviċju ("plea of justification"). Il-komment hu, fil-kliem ta' Odgers (On Libel and Slander, 6th Edition, p. 161): "The expression of the judgment passed upon certain alleged facts by one who has applied his mind to them, and who, while so commenting, assumes that such allegations of facts are true". Biex il-komment ikun ġustifikat jeħtieġ li jkun "fair and bona fide". Jekk il-komment jitbiegħed mill-fatt kommentat, u jimplika asserzjoni ta' fatt ġdid, allura dan il-fatt ġdid għandu jiġi kopert bil-prova tal-verità, għaliex ma jibqax komment;

2. Jekk l-imputazzjoni tiġi sostanzjalment pruvata, allura ineżattezza żgħira dwar dettall li ma jkunx materjali ma hijiex ta' xkiel li d-difiża tirnexxi. Ġie ritenut fil-kawża "Alexander vs. North Eastern Railway Coy." 34 L.J., Q.B. 152, li "if the substantial imputation be proved true, a slight inaccuracy in one of its details will not prevent the defendant from succeeding, provided the inaccuracy in no way alters the complexion of the affair, and would have no different effect on the reader than that which the literal truth would produce";

3. Il-falsità tal-kliem inġurjużi hi preżunta favur il-kwerelant, u dan ma għandux bżonn jagħti prova ta' din il-falsità; il-konvenut jista' jirribatti l-preżunzjoni bil-prova kuntrarja (Odgers, loc. cit., paġ. 149);

4. Wieħed għandu jqis l-artikolu kollu kemm hu, fil-kumpless tiegħu, u ma jagħtix piż żejjed għal xi kelma vivaċi 'l hawn u 'l hemm, li tista' tiġi mitigata bil-kontest; għandu jitħares l-effett ġenerali ta' l-artikolu kollu fuq il-qarrej. Ic-Chief Justice Lord Kenyon, in R. vs. Reeves, 26 How. St. Tr. p. 592, qal hekk:— "The jury should in every case consider the book or newspaper as a whole, and in a fair, free, and liberal spirit, not dwelling too much upon isolated passages, or upon a strong word here and there, which may be qualified by the context, but endeavouring to gather the general effect which the whole composition would have on the minds of the public";

5. Ċerta latitudini għandha tiġi mogħtija, s'intendi taħt limiti raġjonevoli, lill-ġurnalisti, partikolarment f'każ ta' materji politiċi. L-istess Lord Kenyon kien qal li "considerable latitude must be given to political writers", u li wieħed għandu "deal with them in a broad spirit, allowing a fair and wide margin, looking upon the whole, not isolated words". U l-Odgers, fi bran ċitat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Maltija fil-kawża "Dr. Masini vs. Dr. Bartolo", 5 ta' Ottubru 1928, qal :— "Newspaper writers, though in strict law they stand in no better position than any other person, are generally allowed greater latitude by juries. It is regarded in some measure the duty of the press to watch narrowly the conduct of all Government officials and the working of all public institutions, to comment freely on all matters which concern the nation, and fearlessly to expose abuses, should any be found to exist";

6. Hu importanti illi wieħed iqis dak li jkun fehem min qara l-artikolu inkriminat, u mhux dak li keilu f'rasu (bla ma deher minn kliemu) dak li kitbu. Igħid l-awtur fuq ċitat (p. 93) :— "What was passing in his own mind is immaterial............. words cannot be construed according to the secret intent of the writer............ the question is, therefore, always: how were the words understood by those to whom they were originally published?

Fermati dawn il-prinċipji, hu aġevoli wieħed jgħaddi għall-eżami tal-każ in ispeċje. Il-każ ta' kull wieħed mit-tliet artikoli jitqies separatament, għaliex il-materja tagħhom hi "severable", u kull wieħed hu manfestament fuq soġġett separat, apparti li ġie pubblikat f'numru separat tal-ġurnal;

In kwantu għall-artikolu li hemm fin-numru tad-9 ta' Marzu 1946, dan jikkontjeni l-allegazzjoni ta' fatt u komment fuqu. L-allegazzjoni hi illi wieħed elettur mill-Ħamrun talab lill-kwerelant sabiex jagħmel interpellanza fil-Kunsill dwar it-triq fejn joqgħod dan l-elettur, u li l-kwerelant wieġbu li għall-Ħamrun ma jrid jagħmel xejn għaliex mill-Ħamrun mhux żgur iddobba għaxar voti. Il-komment hu illi l-Ħamruniżi bi ħsiebhom jibgħatu 'ttra lill-Onor. Jones biex jirringrazzjawh għaċ-ċertifikat sabiħ li għamlilhom;

Kwantu għall-fatt, din il-Qorti hi inklinata li taċċetta, kif fil-fatt taċċetta, il-versjoni tax-xhud Rokku Farrugia (fol.

47), u għalhekk tirritjeni l-fatt sostanzjalment pruvat. Il-prova tal-verità għandha titqies li saret fl-interess publiku, għaliex tmiss materja ta' "public welfare";

Kwantu għall-komment, dan jimplika illi l-Ħamruniżi kienu nies għorrief meta ma tawx lill-kwerelant ħlief għaxar voti; infatti dan biss jista' jfisser il-komment li, bl-istqarrija li mill-Ħamrun hu ħa għaxar voti biss, il-kwerelant kien qiegħed jagħmel ċertifikat sabiħ lill-Ħamruniżi. Issa l-komment hu bla dubju ftit vivaċi. Fih hemm bla dubju ċertu ammont ta' "wit". Imma, kif jingħad, "if a man in jest conveys a serious imputation, he jests at his peril". L-istess il-Vescovi, Dig. no. 96, igħid:— "Non è mai ammesso l-'animus jocandi' quando le parole usate riescono ad offendere". Iżda f'dan il-każ ma jidherx li jista' jingħad illi l-komment imur aktar 'l hemm minn komment lepidu, bla ma hu ta' malafama; għaliex lill-qarrej aktar tolqtu ċ-ċajta milli jiddeżumi xi malafama minnha. Lanqas għandu, wara kollox, jintnesa d-"dictum" taċ-Chief Justice Cockburn in "Seymour vs. Butterworth", fis-sens li "those who fill a public position must not be too thin-skinned in reference to comments made upon them";

Għalhekk, rigward dan l-ewwel artikolu l-Qorti ma ssibx li hemm reat;

It-tieni artikolu hu dak li hemm fin-numru ta' l-20 ta' April 1946. Anki dan jikkontjeni fatt u komment. Il-fatt allegat hu li l-kwerelant fil-Kunsill ivvota kontra l-mozzjoni tal-Laburisti biex jitwaqqaf kumitat ħalli jitħaffef ix-xogħol tar-"reconstruction" ġo Malta. Il-komment hu li ħadd ma għandu jiskanta, għaliex il-kwerelant kien ġa qal li la l-Maltin ma vvutawx għalih, hu mill-Maltin ma jimpurtahx u jaħdem biss għall-Għawdxin;

Mill-provi deher illi fil-fatt kien hemm dina l-mozzjoni miġjuba 'l quddiem fil-Kunsill tal-Gvern minn wieħed mill-Membri Elettivi għan-nomina ta' "committee to advise Government on expedition of reconstruction". Il-kwerelant tkellem fuq il-mozzjoni. Hu qal li hu kien jaqbel ma' dik il-parti tal-mozzjoni fis-sens li għandha tingħata konsiderazzjoni aktar serja biex jiġi aċċelerat it-"tempo" tar-"reconstruction"; illi l-Gvern però kien spjega għaliex ir-"reconstruction" ma kienetx qiegħda ssir hekk malajr kemm wieħed jix-

tieq; iżda li hu ma kienx jaqbel mal-kompożizzjoni tal-Kumitat kif propost fil-mozzjoni privata, u li għalhekk kien fi ħsiebu jastjeni;

Issa, kwantu għall-fatt, forsi b'doża ta' ġenerożità jista' jingħad li ġiet privata l-verità, fis-sens li, jekk mhux veru li l-kwerelant ivvota kontra l-mozzjoni, hu veru li, billi astjena, ma sostnihiex bil-vot tiegħu; u forsi, għal min jaqra, ma tantx kienet tagħmel differenza (kif igħidu t-trattatisti Ingliżi, "it would not have added to the sting"). kieku l-artikolista, minflok qal li vvota kontra, qal li ma sostnihiex għaliex astjena. Iżda l-komment, apparti li ma jidherx li huwa "a reasonable inference" implika "allegation of fact" ġdida, dik, ċjoè, illi l-kwerelant qiegħed deliberatament, bi spirtu ta' rappreżalja, jabbandun l-interessi ta' l-eletturi Maltin. Dan hu ingurjuż. Kieku l-artikolista illimita ruħu biex jikkritika l-aġir tal-kwerelant fil-Kunsill bħala li mexa f' [illegible] mentri imissu mexa f'mod ieħor, u qal li b'hekk ġew [illegible] dikati l-interessi ta' l-eletturi Maltin, allura forsi ma' [illegible] ikun hemm ingurja; imma l-artikolista qiegħed igħid, [illegible] għall-fatt li lanqas hu assolutament preċiż, illi l-kwer[illegible] kien qiegħed, b'animu deliberat u bi spiritu ta' rappreżalja, ta'li ma ħax voti minn Malta, apposta jittraskura l-interessi ta' l-eletturi Maltin. Dan ma jistax jitqies la veru bħala fatt, u lanqas, in kwantu li hu komment, "fair and bona fide";

It-tielet artikolu hu dak fin-numru tad-29 ta' Ġunju 1946. Dan l-artikolu jirrigwarda tant il-ħidma tal-kwerelant fil-Ko-Operativa tal-Bdiewa ta' Għawdex kemm fil-politika. Meħud fil-kumpless tiegħu, l-artikolu jimporta lill-kwerelant illi hu qed jitterrorizza lil kulħadd li għandu x'jaqsam mal-biedja f'Għawdex, li dawn il-bdiewa huma, fil-kliem ta' l-artikolista, "ftit ċakkara magħġuna f'idejh", illi hu jrid ineħħi x-xogħol tar-"retailers" tal-ġwież, illi kieku xi ħadd kellu (fil-kliem ta' l-artikolista) "ixekkek ftit fuq il-ħidma" tal-kwerelant, isib ħafna xi jgħid, illi lill-Għawdxin, fil-kamp tal-politika, qed jidħak bihom, u illi hu għad ikollu jaħrab minn Għawdex malajr malajr malli l-Għawdxin jiftħu għajnejhom. Il-"gist" ta' l-artikolu (anki valutat bil-kriterji liberali msemmijin fil-prinċipji legali fuq enunċjati) għandha tagħti lil min jaqra l-impressjoni illi l-kwerelant irrenda ruħu ħati ta' għemil in-

ġust, prepotenti, possibilment diżonest, doppjafaċċja. Il-provi li ttanta jagħmel l-appellant ma waslux bl-ebda mod li jippruvaw il-verità tal-konviċju. Ma hemm xejn ċensurabili fl-interpellanzi li rriżulta li għamel il-kwerelant fil-Kunsill dwar ir-"retailers" tal-ġwież, ankorkè dawn l-interpellanzi setgħu, in definitiva, ikunu ta' ġid għall-Ko-Operativa. Ma rriżultax li hu mexa b'xi prepotenza mal-bdiewa, kompatibilment max-xogħol tiegħu ta' Direttur tal-Ko-Operativa. Xejn ma ġie pruvat li jista' jingħad diżonest fil-ħidma tiegħu; u t-tentativ li sar biex jiġi pruvat li hu ried jagħmel xi maneġġi fil-finanzi tal-Ko-Operativa, jew li kien jieħu parti fil-bejgħ tas-smida bil-"black market", ma rnexxiex;

Anzi, peress li dan it-tentativ kien jikkonsisti fl-ispeċifikazzjoni ta' fatti determinati in sostenju tal-"general charge" kontenuta fil-paragrafi nru. 3 u 4 ta' l-artikolu —fatti li, kieku veri, jirrivestu gravità mhux indifferenti — il-falliment ta' dak it-tentativ kien ikun raġuni ta' awment fil-piena, kieku l-art. 15 tal-Kap. 117 kienet ripetuta (dak li ma hijiex, għal xi raġuni li ma tantx tidher ċar liema hija) id-dispożizzjoni tal-paragrafu (4) ta' l-art. 266 Kap. 12, u kieku ma kienx hemm l-ostakolu li fuq appell tal-kundannat il-piena ma t'setax tiġi awmentata. Infatti hu ċar illi, meta l-appellant ittanta jipprova diżonestà fil-finanzi tal-Ko-Operativa u fil-bejgħ tas-smida bil-"black market", hu aggrava l-pożizzjoni tal-kwerelant li sa dik il-mument kellu, "inter alia", il-"general charge" kontenuta fil-paragrafi fuq imsemmija ta' l-artikolu inkriminat, mentri issa ġew lilu rinfaċċjati dawn il-fatti determinati mhux pruvati. Igħid l-Odgers illi — paġ. 518 — "the defendant's persistence in the charge is some evidence of malice, and will always tend to aggravate the damages given against him";

Għal dawn ir-raġunijiet, għalkemm l-addebitu ta' mala-fama per mezz ta' l-istampa *ġie esklużi* kwantu għall-ewwel artikolu, ġie però konstatat għar-rigward tat-tieni u t-tielet artikolu; u għalhekk ir-reat addebitat ġie pruvat;

Non ostanti l-esklużjoni kwantu għall-ewwel artikolu, il-Qorti ma hijiex ta' fehma li tiġi mnaqqsa l-piena, għaliex il-prova tal-verità, li ma rnexxietx, ma tindrċix lill-Qorti li tagħti l-benefiċċju "laevioris poenae";

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi, fis-sens premess, tikkon-

ferma s-sentenza appellata u tiċħad l-appell. **Il-ħlas tal-multa** jsir żmien sitt ijiem.